**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Novembru, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 398/2022 AF**

**Christian Busuttil**

**vs**

**Anthony Sciberras**

**Maria Vella**

**Anna Vella**

**Margaret Sciberras**

**Victor Sciberras**

**Rita Vasallo**

**Mary Sciberras**

**John Sciberras**

**Paul Sciberras**

**Tessie Debono**

**Maria Dolores Catania**

**Agnese Cole**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Christian Busuttil, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-attur Christian Busuttil huwa l-proprjetarju tar-razzett bla numru msejjaħ 'tal-Barumbara', bir-raba madwaru bl-istess isem, fil-kuntrada ta' Ġebel Sornu limiti tal-Mosta tal-kejl superfiċjali ta' ċirka sitt tumoli u hames sigħan ekwivalenti għal ċirka sebat elef, sitt mija u disgħa u sebgħin metri kwadri (7679m$^2$) konfinanti mill-Grigal inparti ma' beni ta' Carmelo Sciberras u in parti ma' beni ta' Carmelo Sciberras u in parti ma' beni tal-Gvern u Nofsinhar u Punent ma' beni tal-Gvern liema art huwa akkwista permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, datat wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju 2006 (hawn anness u mmarkat bħala Dok A).

Permezz ta' ittra ufficcjali datata nhar it-tlettax (13) ta' Mejju 2021 bin-numru ta' referenza 1970/2021, hawn annessa u mmarkata bħala Dok B, l-intimati ivvantaw u allegaw illi l-attur qiegħed jagħmel xogħlijiet ta' żvilupp entro l-linja mediana li tifred il-proprjetà tagħhom mill-proprjetà tal-atturi u li hemm kontestazzjoni dwar il-konfini relatati mal-art reklamata mill-attur u dik akkwistata mill-axxendent tagħhom, Carmelo Sciberras.

Nonostante dak allegat mill-intimati kif hawn fuq provdut, jingħad illi tali allegazzjonijiet da parti tagħhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif jirriżulta b'mod mill-iktar ċar mill-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dok Ċ. Tali pjanta kienet annessa fil-kuntratt datat għoxrin (20) t'April 1989 bejn l-aħwa Camilleri u żewġ soċjetajiet, it-tnejn predeċessuri fit-titolu ta' din l-istess art tal-attur. B'tali mod, din il-pjanta dejjem kienet konsistenti fid-diversi trasferimenti li l-proprjetà għaddiet minnhom qabel ma waslet għand l-attur, u minnha joħroġ b'mod mill-iktar ċar illi a kuntrarju ta' dak allegat mill-intimati, tali xogħlijiet imsemmija fl-Ittra tagħhom bl-ebda mod ma jaqbżu l-linja medjana taż-żewġ proprjetajiet, stante illi l-istess xogħol qiegħed jiġi magħmul esklussivament fuq il-proprjetà tal-attur. Addizjonalment, jingħad illi tali proprjetà dejjem kienet u baqgħet fil-pussess totali tiegħu.

Inoltre minn hekk, kif indikat iktar 'il fuq, l-art in kwistjoni fejn tinsab il-proprjetà ilha għal aktar minn tletin sena, u ċioè minn ferm qabel l-1989, tinbiegħ u tgħaddi minn sid għal ieħor fl-intier tagħha, mingħajr qatt ma kienx hemm l-ebda restrizzjoni jew indikazzjoni illi xi parti minn din l-istess art setgħet potenzjalment tappartjeni lil terzi.

Għaldaqstant, l-intimati qegħdin jivvantaw pretensjonijiet infondati ta' titolu ta' proprjetà fuq l-istess art tal-attur, liema pretensjonijiet akkumulaw fl-Ittra Ġudizjarja iktar 'il fuq imsemmija.

L-attur għandu interess li tali pretensjonijiet bla bażi legali da parti tal-intimati jieqfu għal dejjem u dan għal xi raġuni wkoll li qegħdin jistultifikaw u joħolqu ostakli sabiex l-attur ilesti x-xogħol li qiegħed jagħmel.

L-attur jaf b'dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tipprefiġġi, skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 403 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, żmien qasir u perentorju ta' mhux aktar minn tliet xhur (3) li matulu l-

intimati għandhom iġibu 'il quddiem b'kawża l-pretensjonijiet kollha msemmijin minnhom fl-Ittra Uffiċjali datata 13 ta' Mejju 2021.

2. F'każ illi l-intimati jonqsu milli, f'dak iż-żmien qasir u perentorju hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, iġibu 'l quddiem b'kawża l-pretensjonijiet kollha msemmija minnhom fil-komunikazzjoni surreferiti, tordna u tikkundanna lill-istess intimate għas-silenzju perpetwu, ossia għas-skiet għal dejjem, u konsegwentement timpedixxi lill-istess intimate milli jaġixxu qatt iżjed dwar tali pretensjonijiet.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati minn issa nġunti in subizzjoni u b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni spettanti lill-mittenti għad-danni sofferti a kawża tal-pretensjonijiet in kwistjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Anthony Sciberras, Maria Vella, Anna Vella, Margaret Sciberras, Victor Sciberras, Rita Vassallo, Mary Sciberras, John Sciberras, Paul Sciberras, Tessie Debono, Maria Dolores Catania u Agnese Cole, li permezz tagħha eċċepew illi:

In linea preliminari, l-azzjoni ta' jattanza proposta mill-attur mhijiex ammissibbli billi l-eċċepjenti meta ntavolaw l-Ittra Uffiċjali nru 1970/2021 aġixxew b'reazzjoni provokata mill-pretensjonijiet u l-azzjonijiet tal-istess attur, u saret b'neċessità u kawtela ġuridika għall-konservazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-istess eċċepjenti.

L-attur abbużivament u kontra l-volontà tal-eċċepjenti, qabad u waqqa l-ħajt diviżorju li kien ilu eżistenti għal għexieren ta' snin u li kien jikkonfina l-art proprjetà tagħhom u kien jifred din l-art minn dik li fil-preżent hi proprjetà tal-attur. Illi l-eċċepjenti kellhom neċessarjament jirreaġixxu kontra l-att abbużiv u klandestin tal-attur sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom.

Wieħed mill-elementi essenzjali sabiex kawża ta' jattanza tirnexxi huwa li l-pretensjoni trid tkun spontanea u mhux provokata bl-aġir tal-attur. Illi jekk il-pretensjoni tkun biss konsegwenza ta' provokazzjoni bl-aġir tal-attur, kawża ta' jattanza ma tistax tirnexxi.

Bla preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi ma jirrikorrux l-elementi meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni tentata minnu.

F'kull każ u bla preġudizzju għas-sueccepit, l-allegazzjonijiet tal-attur huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll id-dritt u għandhom jiġu miċħuda.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi l-azzjoni attriċi hija waħda ta' jattanza u li tinsab regolata ai termini tal-Artikoli 403 et seq. tal-Kap 12. L-Artikolu 403 jipprovdi hekk:

> *403. Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob,b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendietli għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni.*

L-elementi rikjesti għas-suċċess tal-azzjoni huma s-segwenti:

a. Ir-rikorrenti jrid ikollu pussses, imqar *de facto* u *prima facie* tal-oġġett li jkun qed jikkawtela;

b. L-intimat ikun bil-miktub ressaq pretensjoni fuq l-oġġett;

c. Il-pretensjoni trid tkun spontanea u mhux provokata bl-aġir tal-attur;

d. Il-pretensjoni trid ikollha l-karattru li tista' tiġi eserċitata b'azzjoni ġudizzjara;

e. Il-pretensjoni jkollha skop determinabbli, speċifiku jew kapaċi li jiġi speċifikat permezz t'azzjoni ġudizzjarja;

f. Il-pretensjoni ma għandiex tkun kondizzjonata jew tiddependi minn fatt li jista' jiġri u ma jiġrix.[1]

Mix-xhieda tar-rikorrenti jirriżulta li fis-sena 2011 huwa kiseb permess ta' żvilupp sabiex jagħmel xi alterazzjonijiet fil-binja mertu tal-kawża għall-fini li din tintuża għal skopijiet residenzjali. Ir-rikorrenti kompla jixhed li meta waqqa' l-ħajt tas-sejjiegħ li jinsab il-ġewwa mill-konfini tar-razzett, l-intimati kellmuh *sia* bil-fomm kif ukoll permezz ta' ittri legali u bdew jisħqu li l-ħajt li waqqa' r-rikorrenti kien fil-konfini tar-razzett tagħhom. L-aħħar komunikazzjoni bejn il-partijiet saret permezz tal-ittra uffiċjali numru 1970/21 tat-13 ta' Mejju 2021 permezz ta' liema l-intimati nformaw lir-rikorrenti formalment illi hemm kontestazzjoni dwar il-konfini tal-art minnu reklamata u dik akkwistata mill-awtur fit-titolu tal-intimati.

Wara li ntavolaw din l-ittra uffiċjali l-intimati ma ħadux passi ulterjuri fil-konfront tar-rikorrenti għar-rigward il-kwistjoni tal-konfini u r-rikorrenti ħassu għalhekk kostrett jipproċedi permezz tal-kawża ta' llum.

---

[1] Ara: **Imelda Tabone et vs Agnes Galea et**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 11 ta' Diċembru 2003; **Angelo Zammit et vs Teresa Gatt et**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 7 ta' Jannar 2005

Sadanittant, b'rikors ġuramentat tat-8 ta' Novembru 2022 l-intimati taw bidu għall-kawża bin-numru 1060/22 fl-ismijiet Maria Dolores Catania pro et noe vs Christian Busuttil liema kawża hija ntiża sabiex tiddetermina l-mertu u cioè t-titolu fuq l-art *de quo*.

B'rikors datat 30 ta' Jannar 2023 ir-rikorrenti rrikonoxxa u kkonċeda li "*l-għan ta' dawn il-proċeduri intlaħaq*".

Fid-dawl tal-fatt li l-mertu ta' dawn il-proċeduri ġie eżawrit jibqa' biss sabiex jiġi determinat il-kap tal-ispejjeż. Sabiex tagħmel dan il-Qorti trid tabilħaqq tqis il-fatt illi li kieku kellha teżamina l-mertu tal-azzjoni odjerna u cioè jekk jissussistux l-elementi meħtieġa għas-suċċess tal-azzjoni, il-Qorti ssib illi l-azzjoni attriċi tfalli fuq it-tielet rekwiżit tal-azzjoni.

Mill-atti jirriżulta li l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-intimati kienet xprunata mill-aġir tar-rikorrenti. Huwa r-rikorrenti stess illi fl-affidavit tiegħu jirrikonoxxi li l-komunikazzjoni u l-kontestazzjoni dwar il-ħajt diviżorju skattat fil-mument li hu waqqa' l-ħajt. Dan għalhekk juri li kien proprju l-aġir tar-rikorrenti li ta' bidu għall-kontestazzjoni u għall-proċeduri legali li segwew in kawtela tad-drittijiet rispettivi tal-partijiet. Għalhekk la darba l-azzjoni kienet sa mill-bidu nett destinata li tfalli, huwa r-rikorrenti li issa jrid ibati l-ispejjeż relattivi.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti waqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-azzjoni stante illi eżawrit, tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG